MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tal-5 ta' Ottubru, 2004

Avviz Numru. 1397/2000/1

**Francis Fenech**

**Vs**

**Gaetano u Marianne konjugi Avallone**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-attur talab sabiex il-konvenuti jghidu l-ghaliex ma ghandhomx jigu kundannati minn dina l-Qorti sabiex:

1. l-konvenuti ihallsu s-somma ta’ mitejn u tmenin lira maltin (Lm280) bilanc minn somma akbar prezz ta’ xoghol ta’ gebel maghmul mill-attur fuq inkarigu u interess taghhom fir-residenza taghhom il-Mosta u;
2. li fi zmien qasir u perentorju li jigi lill-konvenuti ffissat jirritornaw l-‘extention’ tal-elettriku li qed izommu

illegalment u, fin-nuqqas,jigi kkundannati ihallsu tal-istess cioe' hmistax-il lira (Lm15) maltin.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tas-6 ta' Lulju 2000, ittra ufficjali tal-4 t'Awissu 2000 u bl-imghaxijiet legali mill-istess data. Il-konvenuti gew ngunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess konvenuti u li biha eccepew bir-rispett (fol 7 tal-atti):-

1. Illi t-talbiet attrici ghanhom jigu michuda bl-ispejjes kollha peress illi x-xogholijiet ta' gebel maghmul mill-attur fir-residenza taghhom fil-Mosta kif premess fl-avviz mhux xoghol li sar skond is-sengha u l-arti u di piu' baqa' xoghol mhux komplut;
2. Fit-tieni lok, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, illi l-ammont riklamat mill-attur fl-avviz huwa wiehed esagerat u mhux giustifikabbli, tenut kont ukoll tal-pagamenti li gja saru fil-kors li kienu qed isru ix-xogholijiet msemmija.
3. Fit-tielet lok u ukoll minghajr pregudizzju ghas-suespost, illi in kwantu it-tieni talba attrici rigwardanti l-extention ta' elettriku fil-valur ta' Lm15, din ukoll hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante illi dan jista' jiehdu meta jrid u qatt ma kien lilu michud – anzi, kien l-istess attur illi qatt ma mar ghalih ghand il-konvenuti kif kellu kull dritt li jaghmel. Fuq kollox l-ghodda li ntuzat fix-xogholijiet hija ta' l-attur u kellu kull dmir illi jigbor kollox meta gie biex jitlaq mill-lant tax-xoghol.
4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjes kollha kontra l-attur li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi <u>l-attur</u> (fol 12, fol 16 u fol 28 et seq ibid) b'referenza ghall-inkarigu moghti lilu mill-konvenuti u deskritt minnu bhala wiehed 'difficli spjega li dan l-appalt kien jikkonsisti 'f'poggaman tal-gebel tat-tarag' fuq in-naha ta' barra tal-

bieb estern tal-post tal-istess konvenuti. Dwar dan ix-xoghol ma kienet saret ebda stima dwar il-prezz li kien jikkonsisti f’tarag …… fit-tond konsistenti f’zewgt ignub laterali u tnejn ohra bejniethom skond dejjem l-istess attur, il-konvenuti ma kienux hallsuh tax-xoghol kollu li hu kien lesta cjoe iz-zewgt ignub laterali u ghalhekk “… ma ghamiltx ix-xoghol fiz-zewgt ignub tan-nofs …..”In rigward ix-xoghol esegwit, hu ppresenta l-kont (fol 18 ibid) fuq liema kont jidher li l-attur kien qed jippretendi, b’kollox, Lm56 kull jum ghal zewg persuni u ghad-dati specifikati fl-istess kont b’zieda tal-materjal uzat u tat-tarag dovuta skond il-ligi, b’kollox Lm580. Minn dan l-ammont, l-attur spjega li l-konvenuti kienu hallsuh zewg akkont ta’ Lm200 u Lm100 kull wiehed b’kollox Lm300. Hu rilevanti li jissemma illi fil-kontro esami tieghu, l-attur qal illi l-konvenut kellu jhallas ta’ genb wiehed kif dan jitlesta u f’kaz li l-istess genb jkun approvat mill-konvenut l-istess attur kellu jaghmel il-genb l-iehor. Inoltre l-attur kellu jithallas malli kien jitlesta l-ewwel genb tat-tarag in kwistjoni u malli l-istess konvenut jinghata l-kont ta’ dan. Difatti l-konvenut f’dan l-istadju, kien ‘….. tani l-‘go ahead’ sabiex nkompli l-genb l-iehor, kif filfatt ghamel. Fl-ahhar nett, hu sostna li l-konvenut qatt ma kienet ilmenta dwar ix-xoghol effettivament terminat. Inoltre hu spjega li ma kienx ghamel ix-xoghol vis-à-vis ‘iz-zewgt ignub tan-nofs peress li ma kienx hallas in rigward ix-xoghol diga lest”.

Ikkunsidrat

Illi l-konvenut (fol 22 u 31 ibid) jsostni li l-appalt in kwistjoni kien jikkonsisti fl-imsemmi poggaman kif ukoll tikhil fil-faccata tad-dar tieghu. Dwar dan l-attur kien tah stima biss in rigward l-isemmi tikhil avolja kien ‘jissikkah” sabiex jaghtih dik in rigward l-istess poggaman. Xorta wahda, pero’, jidher li hu ppermetta lill-attur sabiex jibda’ x-xoghol. Difatti u meta tlesta’ kwart tax-xoghol hu kien hallas lill-attur il-Lm200 akkont hawn fuq imsemmija. Inoltre, l-attur kien waqaf ‘hesrem mix-xoghol’ u darba l-istess attur kien gie ghandu jimxi ‘bil-krozzi’ u fuq talba tal-istess attur, kien hallsu Lm100 ohra, gja msemmija. Pero, wara li l-attur kien fieq, hu kien insista mal-konvenut sabiex jithallas tax-xoghol lest u dan kien tah il-kont, esebit a fol 18 tal-atti.

Hawnhekk il-konvenut sostna mal-attur li l-istess kont, fil-fehma tieghu kien jkopri x-xoghol <u>kollu</u> u mhux dak biss li gie terminat. Ghalhekk fi kliem l-istess konvenut, hu qal lill-attur 'nirrifjuta li inti tersaq aktar lejn il-bieb tieghi'. In rigward ix-xoghol li tlesta, l-konvenut elenka diversi difetti li fil-fehma tieghu irrendew ix-xoghol lest mhux skond l-arti u s-sengha u ta' dan wera' u esebixxa <u>erba' ritratti</u> a fol 25 tal-atti. Fost dawn id-difetti fl-esekuzzjoni, l-konvenut semma xoghol fuq il-fil li ma kienx sar tajjeb poggaman li ma tpoggewx pulzier il-barra mil-granit ta' taht u b'hekk il-poggaman sar fuq it-tarag ta' tahtu kif ukoll parti tal-istess poggaman li ma gietx dritta. Wara dan kellu l-konvenut kien inkariga persuna ohra, sabiex ix-xoghol seta jigi terminat. Fl-ahhar nett, il-konvenut sema' li l-extention tal-elettriku dan kien fil-pussess tieghu l-attur seta' meta ried jiehdu lura.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi mill-premess jidher li l-partijiet jaqblu li ma kien hebb ebda ftehim bejniethom dwar il-prezz tax-xoghol. F'dan il-kaz, setghet giet applikata ir-regola kif stipulata fl-artikolu 1624 tal-Kodici Civili fis-sens li dan il-prezz ghandu jigi ffissat mill-Qorti, wara stima ta' esperti jew skond ic-cirkostanzi tal-kaz anke minghajr stima.

Illi b'applikazzjoni ta' tali regola, ma kienx jkun opportun illi jigu nominati tali esperti u dan jidher evidenti mill-ammont pjuttost zghir involut f'dan il-kaz u kif specifikat fl-avviz. Ghalhekk il-Qorti rat li kellha tiddeciedi dan il-kaz a basi tac-cirkostanzi risultanti mill-provi.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi mill-provi prodotti specjalment mill-<u>erba' ritratti esebiti</u> in sostenn ta' dak li xehed il-konvenut, il-Qorti tara li l-konvenut kien gustifikat sabiex ma jhallasx lill-attur stante li jidher li l-ilmenti tal-istess konvenut huma fondati.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi ta' min jghid ukoll li, dejjem fil-fehma tal-istess Qorti 'arbitrio boni visi', l-ammont ta' Lm300 gja mhallas mill-konvenut lill-attur kien jkun aktar minn sufficjenti sabiex jkopri ix-xoghol kompletat f'kaz li dan sar skond ma tirrikjedi l-arti w is-sengha.

Ikkunsidrat

Illi, dan premess, ma jidhirx li hemm lok li l-Qorti tikkonsidra l-artikolu 1640 tal-Kodici Civili dwar il-jedd tal-appaltatur sabiex jittermina kuntratt 'locatio operis' jew jekk il-konvenut kellux il-jedd li jxolji l-istess ftehim a basi ta' patt kommissorju tacitu (ara l-artikolu 1068 tal-istess kodici).

Ikkunsidrat

Illi in rigward it-tieni talba, ma jidhirx li hemm xi kontestazzjoni dwarha. Pero' l-Qorti trid tghid ili ma jidhirx li l-konvenut, b'xi mod, ipprova jirritorna l-imsemmi 'extension wire' lill-attur wara li gie intimat sabiex jaghmel dan jew li l-konvenut irrifjuta li l-istess oggett jigi ritornat lilu.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti filwaqt li tilqa l-ewwel eccezzjoni sottomessa mill-konvenut u tichad l-ewwel talba tal-attur, tilqa' t-tieni talba tal-attur u tordna lill-konvenuti sabiex, fi zmien sebat ijiem, jirritornaw lura lill-attur l-'extension' tal-elettriku msemmi fl-avviz u fin-nuqqas li jaghmlu dan, huma kundannati li jhallsu lill-attur is-somma ta' Lm15 bl-imghax legali mill-4 ta' Awissu 2000 sad-data tal-pagament effettiv. In rigward l-ispejjes, dawn ghandhom jithallsu kwantu ghal 1/10 mill-konvenuti, kwantu ghal 9/10 mill-attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------